MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tal-15 ta' April, 2015

Talba Numru. 794/2014

**Banif Bank (Malta) plc**

**Vs**

**John Baptist BORG [K.I. Nru. 581262M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fil-5 ta' Dicembru, 2014** u li permezz taghha talbet lill-intimat ihallasha s-somma ta' elf mija tlieta u tletin euro u sebgha u disghin centezmi ta' euro [€1,333.97c] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi l-konvenut hu debitur tal-kumpanija attrici fis-somma t' elf, tlett mija, tlieta u tletin Euro u sebgha u disghin centezmu (€1,333.97), liema somma tikkonsisti fis-segwenti:

1. Fuq il-Loan Account Nru. 32031571002 li l-konvenut ghandu mal-kumpanija attrici, hemm dovut l-ammont t' elf, mija u wiehed u ghoxrin Ewuro u erbatax-il centezmu (€1,121.14) li sat-2 ta' Dicembru 2014 kien jinkludi mghaxijiet ta' hdax-il Euro u tnejn u tletin centezmu (€11.32) (ara l-istatement bankarju markat bhala Dok. A); u

2. Fuq il-Current Account Nru. 5739871001 li l-konvenut ghandu mal-kumpanija attrici (ara Dok. B), hemm dovut l-ammont ta' mitejn u tnax-il Euro u tlieta u tmenin centezmu (€212.83) li sat-2 ta' Dicembru 2014 kien jinkludi mghaxijiet ta' sitt centezmi (€0.06) (ara l-istatement bankarju markat bhala Dok. C).

   L-ammont dovut fuq il-Current Account fuq imsemmi jikkonsisti fi spejjez bankarji relatati mad-dejn tal-konvenut.

   Is-somma mitluba f'din il-kawza saret dovuta kollha lill-kumpanija attrici ai termini:

   1. Tal-Artikolu 15 tal-Loan Agreement marbut mal-Loan Account (ara Dok. D) u

      Dan ghax sehhew wahda jew aktar mill-events of default imsemmija fl-istess Loan Agreement, partikolarment, izda mhux esklussivament:

      a) Default by the Borrower/s in the payment of any amount of principal, interest, fees, charges due for payment in the manner stipulated in the agreement regulating the Facility,
      b) The Borrower/s committing any other breach of or omitting to observe any other of the obligations and undertakings as expressed to be assumed by it in the agreement regulating the Facility,
      n) Any other event which in the Bank's reasonable opinion gives grounds for belief that the Borrower/s may not perform all or any of the obligation/s under or otherwise comply with the terms of the agreement regulating the Facility"; u

2. T'Artikolu 5 tat-Terms and Conditions (ara Dok. E) u t'Artikolu 6 tal-Conditions of Use (ara DOk. F) marbuta mal-Current Account.

   Illi l-kumpanija attrici interpellat lill-konvenut diversi drabi biex ihallasha l-ammont minnu dovut, fosthom permezz t'ittra legali datata 4 ta' Lulju 2014 (ara Dok. G) u ittra ufficjali numru 2084/2014 (ara Dok. H) mahruga a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u prezentata fil-Qorti tal-Magistrati (Malta), l-ittra ufficjali baqghet ma gietx notifikata minkejja diversi tentattivi biex isir dan, izda l-konvenut baqa inadempjenti u ghalhekk din is-somma ghadha ma thallsitx u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;

   Ghaldaqstant, il-kumpanija attrici titlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jiddikjara lill-konvenut debitur taghha fis-somma ta' €1,333.97 u li konsegwentement jikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-istess kumpanija attrici din is-somma.

   Bl-imghaxijiet mit-2 ta' Dicembru 2014, sad-data tal-hlas effettiv, bir-rata ta' ghaxra punt sebgha hamsa fil-mija (10.75%) fis-sena kwantu dak dovut fuq il-Loan Account u bir-rata t'ghaxra fil-mija (10%) fis-sena kwantu dak dovut fuq il-Current Account u kif ukoll kwalsiasi charges u fees dovuti lilha minhabba d-dejn tal-konvenut; u dan kollu skond kif jinghad fil-Loan Agreement (imsemmi aktar 'il fuq) u t-Tariff of Charges (ara Dok. I) relattivi ghal-Loan Account u fit-terms and Conditions, il-Conditions of Use (imsemmija aktar il fuq) u t-Tariff of Charges (ara Dok. J) relattivi ghal Current Account.

   Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali u l-ittra ufficjali u l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 2120/2014 prezentat kontestwalment maghha.

> Il-konvenut qieghed minn issa jigi ngunt in subizzjoni. Dan kollu qed jintalab minghajr pregudizzju u b'rizerva ghall-pretensjonijiet l-ohrajn kollha tal-kumpanija attrici fil-konfront tal-konvenut".

Ra li l-intimat gie debitament notifikat bil-procedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni u li ma deherx ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

Semgha x-xhieda ta' Elmer Grech, rapprezentant tas-socjeta rikorrenti, li kkonferma li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimat.

Ra li Dr. Maria Elisa Buttigieg iddikjarat li s-socjeta rikorrenti ma kellhiex provi aktar xi tressaq u talbet lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza a tenur tal-artikoli 9 (2) (a) u 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, liema talba t-Tribunal laqa'.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimat tas-somma ta' elf mija tlieta u tletin euro u sebgha u disghin centezmi

ta’ euro [€1,333.97c] in konnessjoni mal-faciltajiet bankarji hawn fuq imsemmija.

Ikkunsidra;

2. Ir-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti xehed illum stess li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimat.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta’ l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi testwalment hekk:

*(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*

(a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema’ u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

4. Imbaghad il-paragrafu (b) ta’ l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*

*(b) <u>Jekk il-konvenut jonqos li jidher</u>, il-gudikatur <u>jista</u> jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

5. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

6. Fil-kaz odjern, l-intimat gie notifikat bil-procedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni u baqa ma deherx ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

7. Jirrizulta li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjeta rikorrenti ma ghandux mis-sewwa.

8. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti huwa dovut mill-intimat.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' elf mija tlieta u tletin euro u sebgha u disghin centezmi ta' euro [€1,333.97c] bl-imghaxijiet legali kif mitluba fuq dan l-ammont sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali u tal-mandat ta' sekwestru, huma a kariku tal-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------